MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
GRETA MIFSUD**

Seduta tal-11 ta' Lulju, 2011

Talba Numru. 1169/2010

**Vodafone Malta Limited
C-10865**

**vs**

**Oliver Gatt
I.D.347175(M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-konvenut jigi kkundanat ihallas l-ammont ta' elf, mitejn u erbghin Ewro u wiehed erbghin centezmu (€1,240.41) rapprezentanti ammont dovut lis-socjeta' attrici bhala hlas ta' servizzi u prodotti provduti lill-istess konvenut abazi ta' ftehim bejn il-kontendenti, skond rendikont anness u mmarkat bhala Dok A.

Il-konvenut interpellat diversi drabi b'talba ghall-pagament effettiv, izda baqa' inadempjenti ghal tali talba, ghalhekk l-ammont ghadu dovut sal-llum.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali mid-data ta' dan l-avviz, sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenut illi gie ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-Ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-Socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' elf, mitejn u erbghin Ewro u wiehed erbghin centezmu (€1,240.41) ammont dovut lis-socjeta' attrici bhala hlas ta' servizzi u prodotti provduti lill-istess konvenut.
Bl-ispejjez u bl-imghax legali mid-data ta' dan l-avviz, sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------